**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 3 ta' Mejju 2023**

**Rikors guramentat nru : 208/2022 AGV**

**R Z**

**vs**

**Dr. Mark A Mifsud Cutajar u PL Katrina Zammit Cuomo bhala kuraturi deputati ghal assenti MA G b' digriet tal- 6 ta' Ottubru 2022.**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors datat 3 ta' Ottubru 2022 ta' RZ;**

Tesponi bir-rispett;

1 Li hi zzewwget fis- 6 ta' Gunju 2011 u minn daz-zwieg twieled tifel li ghandu ghaxar snin u jismu AG

Illi l-esponenti tixtieq li jkollha dritt li ssiefer mal-minorenni

Li ma ghandu passaport u lanqas ghandha kura u kustodja.

Ghaldaqsant l-esponenti titlob sabiex;

1. Ikollha kura u kustodja tal-minuri imsemmi
2. Ikollha passaport li tista' tuza biex isiefru.

**Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Mark M Mifsud Cutajar u PL Katrina Zammit Cuomo, datata 20 ta' Jannar 2023;**

1. Illi ghalkemm l-kuraturi qed jiddikjaraw li huma mhux konxji mil-fatti kollha tal-kaz in ezami, it-talba qed tigi opposta bhala infonadata fil-fatt fid-dritt, u dan b' riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri ghal kull buon fini.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi t-talbiet attrici huma semplici u sintetici. Fir-rikors promotur taghha, li huwa kkonfermat bil-gurament taghha, hija spjegat kif hija ghandha tifel minorenni minn zwieg illi kellha ma' MAG u li tixtieq tirregola l-kura u kustodja tieghu u tkun tista' ssiefer flimkien mieghu. Hi tistqarr li ilha ma tkellem lil missier il-minuri sa mill-2019, u ma tafx fejn tista' taghmel kuntatt mieghu. Mill-affidavit taghha data 7 ta' Marzu 2023, jidher li l-konvenut kien telaq minn Malta u rritorna lura diversi drabi, izda issa ilu nieqes ghal aktar minn erba' snin u m'ghandha ebda indirizz jew mod kif taghmel kuntatt mieghu. Ghalhekk, sabiex ma jkollhiex ghalfejn tapplika mal-awtoritajiet Maltin ghan-nom ta' binha minghajr ma tkun ottjeniet il-kunsens bil-miktub tal-missier – haga li saret impossibbli bin-nuqqas ta' presenza tieghu – l-attrici qed titlob lill-Qorti li tkun tista' taghmel dan kollu minghajr il-htiega ta' tali kunsens.

Peress illi l-konvenut baqa' ma nstabx, il-Qorti tara li huwa fl-interess tal-minuri illi l-kura w kustodja tieghu tigi regolata b'din is-sentenza, u l-omm tkun tista' tapplika wehidha ghal passaport tal-minuri AG. Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet tal-attrici, ghall-ahjar interess tal-minuri.

**DECIDE:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Tilqa' t-talbiet attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati temporanjament mill-attrici, u direttament rekuperabbli mill-konvenut, hekk kif isir kuntatt mieghu.

**Imhallef**

**Onor Anthony G Vella**

**Cettina Gauci –**

**Dep Reg**